MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2004

Numru 396/1999

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Magri**
**V**

**JONATHAN ATTARD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JONATHAN ATTARD** ta' ghoxrin sena bin John u Mary Ann nee Farrugia, imwieled H'Attard nhar t-tmienja ta' April 1979 u residenti "Venera", 122, Triq Guze Pesci, l-Iklin, detentur tal-karta tal-identita numru 182679M gie mressaq quddiemha akkuzat talli b'diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April 1999 xi hin wara nofs il-lejl, minn Triq il-Mithna, B'Kara, ikkommetta serq ta' vann Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni JAS 605, liema serq huwa kkwalifikat bil-

mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Carmel sive Charles Grech minn B'Kara;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qieghed jaghmel delitt ta' serq kellu fil-pussess tieghu arma proprja jew imitazzjoni ta' arma proprja u cioe mus;

3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u fil-granet ta' qabel din d-data, zamm, garr u kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta u bil-ponta u cioe mus, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. talli minn kamra fl-Ghadira, limiti tal-Mellieha, f'xi gurnata fix-xahar ta' Jannar 1999, ghall-habta tal-hdax ta' bil-lejl, ikkommetta serq ta' diversi accessorji tal-kcejjen fosthom magna tal-qali tal-marka 'Moulinex', set borom u kzazell u qasba tas-sajd ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa;

5. talli f'dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar xhur ikkommetta serq ta' diversi stereos tal-karozzi u cioe tal-marka Roadstar mudell RC606GX, Audioteck medull GTX 7020, Yamaha Auto Reverse, Yoko mudell YCR 14, Equaliser - Booster tal-marka Osio muedell PB 762, Graphic Equaliser tal-marka Academy mudell AD 10, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u bic-xorta tal-haga misruqa u liema serq sar ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa;

6. talli matul dawn l-ahhar xhur f'Malta xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'Malta jew barra minnMalta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew imexxihom;

7. talli fl-erbgha w ghoxrin ta' April 1999 ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu fi Trq il-Qawra, Qawra, waqt li kien qed isuq l-istess vann Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni JAS 605 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-art jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku,

kkaguna hsara fuq l-istess vann Ford Escort ghad-detriment ta' Carmel sive Charles Grech minn B'Kara;

8. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qed isuq l-istess vann Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni JAS 605 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-art jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, kkaguna hsara fuq vettura tal-ghamla Vauxhall bin-numru ta' registrazzjoni AAM 401 ghad-detriment ta' Gordon Mayo minn Gzira;

9. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qed isuq l-istess vann Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni JAS 605 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-art jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, kkaguna hsara fuq vettura tal-ghamla Suzuki Samurai bin-numru ta' registrazzjoni FUN 830 ghad-detriment ta' Mario Attard mill-Hamrun;

10. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-istess vann Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni JAS 605 meta kien qed jiskonta kundanna ta' sospensjoni jew skwalifika mill-licenzja tas-sewqan u b'hekk sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija minn awla numru 11 datata hamsa w ghoxrin ta' Marzu 1999, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

11. talli b'hekk gie li kien qed isuq l-imsemmija vettura minghajr licenzja mahruga f'ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija;

12. talli b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta jew garanzija ta' terzi persuni;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli taghti l-piena stabbilita mill-ligi, jigu applikati il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 65 u li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan ghal perjodu ta' mhux inqas minn tnax il-xahar.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat hamsa ta' Lulju 1999 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Ottubru 2002.

Rat li meta hija giet sabiex tikteb is-sentenza l-atti kienu vizzjati ghaliex meta l-imputat tressaq il-Qorti ma sabitx l-interrogatorju kif rikjest mill-ligi u lanqas ma rrizulta mill-verbal tal-atti li gew mahlufa l-akkuzi.

Illi b'digriet taghha tal-hamsa ta' Mejju 2004 din il-Qorti kif preseduta, kienet irrikjamat din il-kawza sabiex l-akkuzi jigi mahlufa u jsir l-interrogatorju skond l-ligi u dana ghas-seduta tat-tnax ta' Mejju, 2004.

Illi fis-seduta tat-tnax ta' Mejju, 2004 deheru l-Ufficjal Prosekutur, l-imputat debitament assistit u gie registrat is-segwenti verbal.

**"L-imputat jiddikjara fil-presenza tal-avukat difensur tieghu li hu jiftakar li meta saret il-prezentata quddiem il-Magistrat illum Imhallef Noel Cuschieri nhar id-disgha ta' Lulju, 1999 kien sar l-interrogatorju mill-Qorti w inoltre l-Ufficjal Prosekutur kien halef l-akkuzi fil-konfront tal-imputat f'din l-istess awla diversament preseduta. Illi in vista ta' din id-dikjarazzjoni u bi qbil bejn il-partijiet il-Qorti tordna li jigi inserit l-ezami tal-imputat bid-data tad-disgha ta' Lulju, 1999 daqs li kieku dan l-esami ddahhal dakinhar stess fi-process.**

**L-imputat qieghed jezenta lill-Qorti mill-htiega li tisma xhieda ohra u x-xhieda li nstemghu ghandhom jigu meqjusa daqs li kieku instemghu kif fil-fatt hu, wara li sar l-interrogatorju relattiv.**

**Il-partijiet jirrimettu ruhom ghall-atti processwali u jawtorizzaw l-Qorti tghaddi ghas-sentenza.**

**L-imputat izomm ferm l-ammissjoni tieghu registrata fl-atti fis-seduta tal-hamsa ta' Mejju, 2004".**

Il-Qorti semghet lil imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja u dan meta sar l-esami nhar t-tnax ta' Mejju 2004 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kwaza fosthom l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat u cioe wahda nhar s-sebgha w ghoxrin ta' April 1999 markata bhala dokument CM 13 esibita a fol 9 tal-atti u ohra rilaxxjata nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April 1999 markata bhala dokument CM 8 a fol 11 tal-atti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti nhar l-hamsa ta' Mejju 2004 u ripetuta fis-seduta tat-tnax ta' Mejju, 2004 ghall-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Rat li l-imputat ghamel referenza ghal ammissjoni tieghu kif registrata fl-atti nhar l-hamsa ta' Mejju 2004 u kif wkoll li zamm ferm l-ammissjoni tieghu kif registrata fis-seduta tat-tnax ta' Mejju 2004.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza.

Ikkunsidrat:

Semghet lil Avukat Difensur jghid lil Qorti li m'ghandhix tkun severa mal-imputat fl-ghoti tal-piena ghar-ragunijiet segwenti:
1. l-akkuzi jirrisalu ghal perjodu li sehh hames snin ilu meta l-kondotta tieghu kienet relattivament nadifa salv ghal xi akkuzi kontra l-Ordinanza tat-Traffiku meta nghata multi u l-licenzja tieghu tas-sewqan kienet giet skwalifikata;
2. l-eta pjuttost zghira tal-imputat u cioe ta' ghoxrin sena;
3. li l-imputat dak iz-zmien kellu problema akuta ta' abbuz ta' xorb alkoholiku;
4. illi llum l-gurnata l-imputat issetilja u ghandu zewgt itfal minuri.

Minn naha l-ohra l-Qorti semghet lil Prosekuzzjoni tiddikjara li huwa minnu li l-imputat ikkopera maghha bis-shih kemm tul l-investigazzjoni kif wkoll tul l-proceduri u li r-res furtiva kollha giet migbura u ritornata lil sidha legittimu u li llum il-gurnata l-unici vittmi li ma gewx risaldati ghal pretenzjonijiet taghhom huma certu Stivala li ghad ghandu jiehu is-somma ta' tlett mija u hamsin lira dwar il-hsarat li sofra fil-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni AAM 401 tal-ghamla Vauxhall, Charles Grech li ghad fadallu bilanc ta' tlett mitt lira maltin wkoll dwar hsarat fiol-vettura taghha tal-ghamla vann Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni JAS 605

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti diversament preseduta kienet innominat lil Carmen Borg bhala Ufficjal tal-Probation b'digriet taghha tal-ghoxrin ta' Gunju 2002 sabiex thejji pre sentencing inquiry report fil-konfront tal-imputat.

Illi nhar t-tlettax ta' Marzu 2003 **dehret Carmen Borg nominata mill-Qorti** fejn ppresentat u kkonfermat r-rapport taghha li gie mmarkat bhala dokument CB, kif jirrizulta a fol 110 et seq tal-atti.

Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-imputat kellu tfulija mimlija bi problemi familjari.  Principalment ommu

kienet dipendenti fuq l-alkohol filwaqt li missieru x'aktarx li kellu mara ohra konkubina.  Il-genituri tieghu spiccaw infirdu, huwa kellu jahseb ghal rasu minhabba s-sitwazzjoni familjari prekarja li trawmet fejn l-omm waqghet fi stat dipressiv hafna.  Illi ghalhekk huwa beda jghaddi hafna hin d-dar.  Meta kellu tmintax il-sena, izzewweg tfajla maltija Jennie Taliana li kellha biss sittax il-sena pero kienet tqila bl-ewwel wild taghha.  Illum il-gurnata dan z-zwieg tfarrak.  L-imputat beda jixrob u sar aggressiv hafna.  Ulied l-imptuat kienu go istitut ghax ma kellhomx min jiehu hsiebhom.

Dwar l-impjieg tal-imputat minn ezami ta' records mahruga mill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig, jidher car li qatt ma hadem f'post wiehed ghal perjodu twil.  L-imputat biddel numru kbir ta' impjiegi liema impjiegi jvarjaw minn labourer sa driver sa assistant ta' irkantatur.  Dan jindika li fejn tidhol kwistjoni ta' xoghol, l-imputat mhux stabbli.

Illi minn din r-relazzjoni jirrizulta wkoll li l-vittmi b'mod partikolari Abigail Stivala u Raymond Grech, t-tnejn xtaqu li jaraw lil imputat jeduka ruhu sabiex jiftah ghajnejh dwar dak li ghamel u ma jirrepetix dan r-reat fil-konfront ta' terzi u xtaqu li jigu kumpensati tad-danni li sofrew.

Il-Qorti ghalhekk thoss li f'dan il-kaz m'ghandhix tapplika piena karcerarja effettiva izda kif issuggerit l-istess Ufficjal tal-Probation il-piena ghandha tkun wahda karcerarja izda sospiza [vide fol 126 tal-atti odjerni].

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe` 18, 49, 50, 261, 263, 265, 267, 270, 271(g), 278(1), 334, 325, 328 tal-Kap 9, l-artikolu 26 tal-Kap 66, l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 u l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tiddikjara li ssib lil-imputat JONATHAN ATTARD hati tal-akkuzi kolha kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah piena karcerarja komplessiva ta’ sentejn sospizi ghall-erbgha snin bl-applikazzjoni tal-aritkolu 28 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Oltre dan ai termini tal-artikolu 28 H tal-istess Kap 9, il-Qorti qieghda tobbliga lill-hati ihallas lill-parti offiza u cioe` lil Abigail Stivala l-ammont ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (LM 350) u lil Charles Grech l-ammont ta' tlett mitt lira Maltin (LM 300) stante kumpens ghad-danni sofferti minnhom fil-hsarat li soffrew fil-vetturi rispettivi taghhom u dan fi zmien sitt xhur mid-data tal-llum.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri f'kaz li jonqos li josservha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------